*Weħidha fis-sema x-xemx tiddi*
*'Ma fl-ilmijiet tal-ibħra,*
*Tax-xmajjar u l-għadajjar*
*Tħalli suritha*
*F'eluf eluf oħra ta' xmejjex...*
*Alla wieħed hemm fis-sema.*
*Ta' kulħadd missier ħanin*
*U mill-ewwel ulied u fettxewh.*
*Hadd ma sabu mkien wieħed:*
*'Ma naf biss illi kollha sabuh.*

J. CAMILLERI

## DHUL U HRUĠ

*Spalla ma' spalla pass wieħed mexjin,*
*Għajnejhom qalbiena, sidirhom quddiem,*
*Xkubetta fuq spalltom: ilkoll f'wied deħlin –*
*Agħtihom, Mulejja, kull barka u kull sliem!*

*Spalla fuq spalla pass dgħajjef mexjin,*
*Għajnejhom iżellġu, sidirhom jirtogħod,*
*Xkubetta jkarkruha: mhux kollha herġin –*
*Għax prezzet ir-rebħa minxur fl-art 'il bogħod!*

VICTOR FENECH

## 'IL MIN SER NIEHU?

*Hu lili:*
*ħudni fl-imwarrab,*
*ħudni fil-beraħ,*
*ħudni fejn trid.*

*Hu lili:*
*ħudni filgħodu,*
*ħudni fl-għaxija,*
*ħudni xħin trid.*

*Hu lili:*
*ħudni bil-herra,*
*ħudni bil-ħlewwa,*
*ħudni kif trid.*

*Hu lili:*
*nitolbok bil-ħniena,*
*riġlejja għajjiena,*
*u ġismi marid,*
*u d-dinja keċċietni.*
*Hu lili* jekk trid.

MELBOURNE

DUN ĠUŻEPP ABELA